**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 24 ta' Lulju 2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**

**Vs**

**Ans Abdulla Algheziwi**

**IL-QORTI**;

Wara li rat li l-imputat **Ans Abdulla Algheziwi**, detentur tal-karta tal-Pulizija 17166/14, gie akkuzat talli nhar l-10 ta' Gunju 2015 ghall-habta tas-sebgha u nofs ta' filghodu minn gewwa is- Swieqi:-

1. Ikkometta serq ta' laptop, liema serq ikun izjed minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u desghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu(€2,329.37), liema serq huwa ikkwalifikat bil-'valur' u bil-'lok', ghad-dannu ta' Jakob Aschenbrenner;

2. Ikkometta serq ta' diversi ogetti minn gewwa vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBT826 tal-ghamla Citroen, liema serq ikun izjed minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u desghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu(€2,329.37), liema serq huwa ikkwalifikat bil-'valur' u bix-'xorta tal- haga misruqa', ghad-dannu ta' Rebecca Debono;

3. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fil- vettura tal- ghamla Citroen bin-numru ta'

registrazzjoni BBT826 ghad-dannu ta’ Rebecca Debono, liema hsara ma tkunx tiskorri l-mitejn u hamsin Euro (€250);

4. Ikkometta serq ta’ diversi ogetti minn gewwa vettura bin-numru ta’ registrazzjoni EPN794 tal-ghamla BMW, liema serq ikun izjed minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u desghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu(€2,329.37), liema serq huwa ikkwalifikat bil-‘valur’ u bix-‘xorta tal-haga misruqa’, ghad-dannu ta’ Tancred Busuttil;

5. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fil-vettura ta’numru ta’ registrazzjoni EPN794 tal-ghamla BMW ghad- dannu ta’ Tancred Busuttil, liema hsara ma tkunx tiskorri l-mitejn u hamsin Euro (€250);

6. Kiser il-Liberta’ Provisorja billi naqas milli jhares kundizzjoni li giet imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr N.Camilleri LL.D fid-digriet taghha datat 30 ta’ Gunju 2014 li bih l-akkuzat kellu ma jikkommettix delitt iehor ta’ natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest.

Rat il-verbal tas-Seduta ta’ llum stess;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat anki wara li inghata z-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta’ l-Ufficjal Prosekutur kif wkoll tad-difensur in tema ta’ piena.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew l-istqarrija tal-imputat u l-atti processwali, l-Qorti

tiddikjara li l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu jinsabu sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tghaddi biex tiddikjarah hati taghhom.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali netta ta` l-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu li ser tinghata l-piz mehtieg fil-kontemplazzjoni tal-piena, li r-reati huma gravi u hemm il-vittmi li ma gewx ikkompensati, li kienet ix-xjenza forensika li rabtet lill-imputat ma dan il-kaz u li skond il-prosekuzzjoni, jehtieg li f'dan il-kaz tkun imposta piena karcerarja effettiva bhala deterrent. Minn naha taghha d-difiza, filwaqt li stqarret li s-sokor ma hux fattur li jghodd, argumentat li fil-mument tal-kommissjoni tar-reati l-imputat kien taht l-influwenza ta` konsum konsiderevoli ta` alcohol, u dana gara wara li hu gie nfurmat li huh kien gie maqtul fil-glied li kien ghaddej gewwa l-Libja; ghamlet enfazi wkoll id-difiza fuq il-fatt li l-imputat ma jiftakar xejn minn dak li gara u l-accettazzjoni tieghu li hu effettivament ghamel hazin.

**Decide**;

**GHALL-DAWN IL-MOTTIVI L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 261(b)(c)(e)(g), 263, 267, 269, 271, 278(3), 279, 280, 325 u 579(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lil **Ans Abdulla Algheziwi** hati ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u **tikkundannah ghall-piena ta' prigunerija ta' tmintax(18)-il xahar.**

Dr Ian Farrugia LL.D
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur